TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 336/10

**Rachel Schooling**

**vs**

**Arena Laundry Ltd.**

Illum 28 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-7 ta' Settembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' ħamsa u tmenin ewro (€85), rappreżentanti prezz ta' ġakketta li wara li sarilha d-*dry cleaning* ġarbet il-ħsara.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet ħadet il-ġakketta għal *dry cleaning* għand is-soċjeta' intimata u waqt il-proċess din ġralha l-ħsara.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet bil-miktub illi l-ġakketta kellha xi marki fuqha minn qabel ma sarilha d-*dry cleaning*. Illi s-soċjeta' intimata mill-ewwel infurmat lir-rikorrenti b'dan u hija xorta qablet li jsirilha d-*dry cleaning*.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi l-proċess tad-*dry cleaning* ma sarx skond is-sengħa u l-arti.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas is-somma ta' sittin ewro (€60), bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888